MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 441/2010

Appelli Numru: 440/2011 u 441/2010

Il-Pulizija

Vs

Glenn Neil Scicluna

Omissis u

Roderick Stabile

Illum, 27 ta' Marzu, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gzejjer fix-xahar ta' Marzu, 2009, u fix-xhur kemm ta' qabel u kemm ta' wara:

Irrendew ruhhom komplici billi kkorrompew lill-Kuntistabbli (PC) nru: 699 Kenneth Sevasta, ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku u dan in konnessjoni ma kariga jew impjieg tieghu fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta, billi offrew xi rigali jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor lil PC699 Kenneth Sevasta, li ghalih huwa ma kellux jedd, b'dan li l-iskop talhlas, jew weghda jew tal-offerta kien sabiex l-istess PC699 Kenneth Sevasta jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel u b'dan ukoll illi barra milli l-istess PC699 Kenneth Sevasta accetta l-hlas, il-wieghda jew l-offerta fil-fatt naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir li jaghmel.

F'Malta assocjaw ruhhom ma xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jghamlu delitt f'Malta li ghalija hemm piena ta' prigunerija.

Aktar talli Glen Neil Scicluna, omissis u Roderick Stabile saru recidivi b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Ottubru, 2010 fejn wara li rat l-artikolu 43, 151(c), 120(1), 48A, 49 u 50 u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati hatja ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront
taghhom u tikkundannhom ghal perijodu ta' tmintax-il xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Glenn Neil Scicluna minnu pprezentat fit-22 ta' Ottburu, 2010 fejn talab lil din il-Qorti:

1. Thassar u tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi tat-13 ta' Ottubru tas-sena 2010 stante li hija nulla in kwantu hija nieqsa milli tghid l-artikolu ta' l-Kodici Kriminali li taghhom dan ikun gie misjub hati w dan inter alia ai termini tal-Artikolu 382 tal-Kap 9 jew alternattivament;

2. Tirriforma l-imsemmija sentenza billi tikkonfermaha f' dik il-parti fejn sabett lill-esponent hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih u tirrevokaha fil-parti tal-piena u minflok timponi piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija effettiva.

Rat ir-rikors tal-appellant Glenn Neil Scicluna minnu pprezentat fit-22 ta' Ottburu, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tilqa l-appell u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara s-sentenza appellata bhala nulla u tiddisponi minn dan l-appell skond din id-dikjarazzjoni. Alternattivament u minghajr pregudizzju, f' kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar ekwa u gusta fic-crikostanzi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Glenn Neil Scicluna, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi s-sentenza moghtija hija nulla stante li s-sentenza hija nieqsa milli tghid l-artikolu li tieghu dan gie misjub hati w dan inter alia ai termini tal-artikolu 382 tal-Kap 9.

   Illi s-sentenza fiha mankiament li jwassal ghas-sanzjoni ta' nullita ` kif dispost fl-artikolu fuq imsemmi.

   Illi dan id-difett jirrisali ghal nuqqas tal-Ewwel Qorti li tiddikjara liema artikolu l-imputat instab hati, anzi tindika artikolu totalment zbaljat dak 151(c) li fil- Kodici Kriminali ma jezistix, izda jezisti artikolu 151 li jitkellem dwar harba semplici ta' kkunannat.

   Illi dan in-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali li jwassal ghan-nullita` tas-sentenza appellata.

   Illi l-esponent jaghamel referenza ghall-kawza l-Pulizija vs George Camilleri moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Gunju, 1995 "l-indikazzjoni zbaljata tal-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li tieghu persuna tkun giet misjuba hatja, gie dejjem ekwiprarat fil-gurisprudenza man-nuqqas ta' tali indikazzjoni ghall-finijiet tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Dan hu nuqqas ta' formalita` sostanzjali li jgib bhala konsegwenza n-nullita` tas-sentenza appellata w is-smiegh mill-gdid fil-mertu tal-Qorti tal-Appell Kriminali fit-termini tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi kodici."
2. Illli l-esponent jifhem li din il-Qorti dejje irriteniet li hi m' ghandiex ghal xejn b' xejn tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti u tirriforma l-piena sakemm ma tkunx wahda manifestament eccessiva. Dan ghaliex l-ewwel Qorti tkun ghexet il-process kollu u jkollha ferm aktar opportunita` li tizen il-karattru tal-akkuzat izda f' dan il-kaz il-procedura hadet biss ftit minuti, f' awla imballata b'ghadd ta' kazijiet jistennew li jinghajtu, b' gemgha ta' pulizija u avukati jistennew meta jmisshom.

   Illi umilment l-esponent ihoss li l-Onorabbli Qorti ma kienetx f' pozizzjoni biex tifhem u tizen l-ahjar piena adattata skond il-kaz.

   Illi l-aggravju dwar il-piena, huwa car u manifest:

   Fl-ewwel lok jigi sollevat li:

   a. Illi l-esponent Glen Neil Scicluna meta baghtu ghalih il-pulizija tahom l-informazzjoni kollha li riedu u rrilaxxa stqarrija mill-ewwel.

   b. Illi meta l-pulizija resqitu l-Qorti l-esponent ammetta mill-ewwel.

   c. Illi l-esponent se jaghti x-xhieda tighu fi proceduri li ttiehdu kontra l-ufficjal pubbliku involut.

d. Illi l-fedina penali teighu hi netta hlief ghal kaz wiehed fejn ammetta li kiser ir-regolament marbuta mal-kacca u dakinhar kien ikkundannat multa ta' Lm150 u l-konfiska tal-arma.

e. Illi l-esponent ghandu impjieg ma' kumpanija ta' reputazzjoni u huwa persuna tal-familja li mid-dar ghax-xoghol u mix-xoghol ghad-dar. L-uniku delizzju li kellhu hu dak tal-kacca li kien ilu jaghmel dan sa minn meta kellu tlettax il-sena u kien joqghod l-Awstralja fejn kellu l-Junior's permit.

f. Illi s-Supretendent tal-Pulizija Mario Spiteri stess qal lill-Qorti li Glen Neil Scicluna kkopera hafna mal-pulizija u mill-ewwel, u li kienu se jirrimettu ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti. Mhux normali li l-pulizija taghmel dan.

g. Illi l-Pulizija stess x'hin inqar is-sentenza kienu sorprizi ghall-ahhar bid-decizjoni tal-Qorti.

Illi l-Onorabbli Qorti ma qisetx ic-cirkustanzi partikolari tal-kaz fejn hemm cirkostanzi specjali anke jekk wiehed ma jsejhilhomx eccezzjonali fejn kellha ghazliet ohra quddiemha barra dik ta' piena karcerarja.

Illi l-Qorti lanqas biss ikkunsidrat l-Artikolu 21 tal-Kap 9 u lanqas l-Artikoli 7 u l-11 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti kellha l-ghazla li persuna tissospenih a, kellha l-Probation, kellha is-servizz fil-komunita, kellha l-multa, kellha l-liberazzjoni taht kundizzjoni. Il-Qorti ma nterpretatx sewwa d-dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur li qatt ma ried piena karcerarja effettiva tant li halla f'idejn il-Qorti biex tiddeciedi fis-serenita`.

Illi l-esponent jifhem li l-Qorti jista` jkun li kellha diffikulta biex tuza d-dispozizzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali izda lanqas biss ikkunsidratu kif jidher mill-artikoli kkwotati fis-sentenza.

Illi l-ligi f' dan ir-rigward veru li hi carissima u inekwivoka. U dan l-esponent ghamlu car fis-sottomissjonijiet tieghu izda hawn wiehed irid ifakkar x' jghid l-artikolu 52 fejn jghid li "ghall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, fil-kundanni dwar delitti ohra, ma jitqisux il-kundanni moghtija ghal delitti maghmuli b' nuqqas ta' hsiesb jew bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila f'sengha jew professjoni, jew minhabba nuqqas ta' hars ta' regolamenti, u vice versa."

Illi l-esponent Glen Neil Scicluna meta mmetta dak li ngab kontrih fl-4 ta' Lulju, 2007 fis-seduta tal-ALE huwa ammetta biss dak li kien marbut mal-AL79/2006 fejn il-pulizija stess fl-akkuza tghid li kiser dawn ir-regolamenti.

Illi umilment l-esponent ihoss li ghalkemm ammetta l-akkuza tar-ricediva l-Pulizija ma kelliex tadebitat b'ricediva dwar sentenza li nstab hati ta' ksur ta' regolamenti.

Illi ejja ghall-argument nghidu li l-Onorabbli Qorti kienet prekluza milli tapplika l-provvediment tas-sentenza sospiza, zgur li ma kienetx prekluza milli tapplika xi provediment taht il-Kap 446 tal-Ligijiet ta' malta. Il-Qorti injorat ghal kollox is-sentenza esebita ` fl-atti Il-Pulizija (Spt. I. Abdilla) vs Josef Abela moghtija minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fis-17 ta' Settembru 2008 fejn ghalkemm affermat il-prekluzjoni tas-sentneza sospiza provdiet biex tapplika wiehed mill-provedimenti tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi hawn ghandna kaz tista` tqisu bhala ta' first offender u ghandha tithallielu tieqa ghall-futur, a window of opportunity. Kif spjega David Thomas fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing (Heinemann, London, 1979):

"The Probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p.236).

Illi Glenn Neil Scicluna ammetta l-akkuzi migjuba kontrih minnufih u ghalhell l-Archbold jikkwota l-Guideline: Reduction in Sentence for a Guilty Plea [22-102] u fl-artikolu 2 jinghad li:

"The key principle is that the purpose of giving a reduction is to recognise the benefits that come from a guilty plea not only for those directly involved in the case in question but also enabling Court more quickly to deal with other outstanding cases."

Fit-tieni lok minghajr pregudizzju ghal dak sollevat:

Illi l-Qorti lanqas imxiet ma dak li ddikjarat hi stess fis-sentenza fejn qeghda tikkontradixxi ruha meta tiddikjara li ser 'tghaddi sabiex tinfliggi l-minimum tal-piena imposta ghal dawn it-tip ta' reati'. Il-minimum ghal dak li jipprovdi l-artikolu 115 (c) hu "minn sena sa". Ghalhekk zgur li piena ma kelliex tkun dik ta' tmintax il-xahar imma ta' sena jekk timxi mad-dikjarazzjoni taghha stess.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Roderick Stabile, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi preliminarjament l-esponent bir-rispett jirrileva illi l-verbal tat-13 ta'Ottubru, 2010 jirrendi dawn l-atti bhala nulli bil-konsegwenza li dan ikollu fuq is-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti.

Filwaqt li l-proceduri bdew bhala Istruttorja (wara l-prezentat tac-citazzjoni fit-18 ta' Awissu, 2010) il-verbal kif ukoll is-sentenza juru li l-Qorti kienet wahda ta' Gudikatura Kriminali. Veru li malli mputat, f'dak l-istadju jammetti ghall-imputazzjonijiet, il-Qorti tikkostitwixxi ruhha f'wahda ta' gudiktura Kriminali, izda f'dan il-kaz tirrizulta komplikazzjoni procedurali li ggib in-nullita` ta' l-atti.

Jigi osservat bir-rispett illi, malli l-prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront ta' Glen Neil Scicluna u l-esponent, u l-Qorti laqghet tali talba, l-atti kellhom jitkomplew fil-konfront taghhom biss. Gara izda li l-verbal qed juri li l-istess atti tkomplew fil-konfront tal-imputat Eric Scicluna, li ineffetti ma kienx ammetta, instemghu il-provi u l-Qorti ddikjara inter alia (dejjem fl-istess verbal) li kien hemm provi bizzejjed prima facie biex l-imsemmi Eric Scicluna jitqieghed taht att t' akkuza. Dan setghet taghmlu biss Qorti Istruttorja u mhux Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Dan l-istat ta' fatt igib bhala domanda jekk in effetti l-ewwel Onorabbli Qorti kienetx ikkostitwiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew le, la darba hemm dikjarazzjoni dwar il-prima facie riferibbilment ghall-'imputati' li ghandhom 'jitqieghdu' taht att ta' akkuza – ara l-verbal imsemmi.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, umilment u bir-rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponent jirrileva illi dak li sehh igib bhala konsegwenza n-nullita` tas-sentenza appellata;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-esponent umilment jirrileva illi fis-sentenza irid jissemma l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat. Fil-kaz odjern, jissemma l-artikolu 151(c) tal-Kap9. Ir-reat ikkontemplat f'tali artikolu ma hux rifless fil-qari tal-akkuzi bil-gurament mill-ufficjali prosekuturi u konsegwentement dan igib mieghu in-nullita` tas-sentenza appellata;

3. Illi minghajr pregudizzju ghal-premess jinghad bir-rispett, in tema ta' piena, li fil-kaz odjern ma kienx applikabbli l-artikolu 50, minkejja li l-esponet ammetta u allura tqies bhala recidiv fit-termini tal-artikolu 49 tal-Kap 9. Dan il-fatt procedurali jinfluwixxi fuq is-sanzjoni applikabbli bil-konsegwenza li ma jigux eskluzi sanzjonijiet ohra diversi (bhal per ezempju l-multa, jew is-sentenza sospiza, jew dawk ikkontemplati taht il-Kap 446). F'dan il-kuntest l-esponent umilment ihoss li ghandu jkun hemm bdil fis-sanzjoni nflitta;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-esponent umilment jirrileva li s-sanzjoni tal-prigunerija effettiva hija wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz. L-esponet jammetti li zbalja u kienet in-namra zejda fid-delizzju li gabitu fhiex gabitu. L-esponent kien ta' ghajnuna ghall-pulizija fl-investigazzjonijiet u probabbilment ukoll ser ikun xhud ewlieni tal-prosekuzjoni f'kawzi ohra konnessi. L-esponent ammetta fl-aktar stadju bikri tal-proceduri. L-esponent genwinament iddispjacih tal-akkadut.

> Qatt ma stenna li hu, bhala persuna ta' certu livell ta' edukazzjoni u li hu kkwalifikat bhala mechanical engineer, kien ser isib ruhu f'sitwazzjoni tant baxxa f'hajtu. L-esponent jixtieq li jinghata opportunita` li ma jgharraqx il-futur tieghu.
>
> Illi ghall-finijiet ta' dan l-aggravju jistghu ikunu ta' ghajnuna sostanzjali, iz-zewg ufficjali prosekuturi. L-informazzjon li jistghu jaghtu tghin sabiex tkun tista` tigi kkalibrata sanzjoni aktar ekwa. L-esponent umilment jirrizerva li jaghmel it-talbiet idonei fil-parametri tal-ligi sabiex iressaq dawk il-provi in sostenn ta' dan l-aggravju.
>
> Ic-cirkostanzi tal-kaz odjern u tal-esponent huma tali li bir-rispett ghandhom jattiraw temperament t'tali sanzjoni. L-esponent, f'dan il-kuntest, jirriserva li jissottometti ulterjorment waqt is-smiegh ta' dan l-umli appell.

Rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellanti.

Rat is-sentenza in parte tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tal-elfejn u tnax (2012) fejn giet michuda eccezzjoni ta' nullità tas-sentenza tal-Magistrat;

Rat id-digriet taghha tas-sbatax (17) ta' Jannar tal-elfejn u tlettax (2013) fejn ordnat li jsir social enquiry report fil-konfront tal-appellanti;

Rat illi dan ir-rapport gie prezentat fis-sittax (16) ta' Mejju tal-elfejn u tlettax (2013) u mahluf fid-dsatax (19) ta' Frar tal-elfejn u erbatax (2014);

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri u l-ufficcjal prosekutur;

Ikkunsidrat:

Illi l-appellanti huma addebitati talli fix-xahar ta' Marzu tal-elfejn u disgha (2009) u fix-xhur ta' qabel huma ikkorrompew lill-kuntistabbli PC 699 Kenneth Sevasta, ufficcjal pubbliku billi offrew xi rigali jew wieghda ta' offerta ta' xi rigali illi ghalih il-kuntistabbli ma kellux jedd.

Irrizulta illi l-appellanti huma dilettanti tal-kacca u kienu b'xi mod ikkonvincew lill-kuntistabbli Kenneth Sevasta illi kien addett mal-ALE illi javza liz-zewg appellanti

meta jkunu se jaghmlu xi spezzjoni ghall-kacca illegali. L-appellanti tressqu l-Qorti u fl-ewwel seduta tat-tlettax (13) ta' Ottubru tal-elfejn u ghaxra (2010) ammettew l-akkuzi dedotti kontra taghhom. Il-Qorti tal-Magistrati ghaddiet biex taghti s-sentenza taghha u ikkundannathom ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija (fol 47).

L-appellanti hassewhom aggravati minn din is-sentenza u minnha interponew appell limitat ghall-piena peress illi deherilhom illi piena ta' prigunerija effettiva kienet harxa wisq fic-cirkostanzi taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond tat-talba tal-appellanti, l-Qorti innominat social enquiry report sabiex ikollha stampa cara dwar is-sitwazzjoni tal-appellanti fil-mori ta' dan l-appell. Irrizulta minghajr dubbju illi l-appellanti kellhom fehma kompletament zbaljata dwar il-prioritajiet tal-hajja specjalment fil-konfront ta' Glen Scicluna fejn ghalih il-kacca hija kollox u tigi qabel kull priorità. Ghal Rodrick Stabile mhux daqshekk però xorta jaghti priorità mhux misthoqqa lid-delizzju tal-kacca u kien ghalhekk illi dahlu f'din il-vicenda illi jikkorrompu ufficcjal tal-pulizija halli l-appellanti jkunu jistghu jezercitaw id-delizzju taghhom minghajr xkiel. Jidher però illi din il-kawza serviet bhala "eye opener" ghall-appellanti u r-rapporti tal-probation officer fil-konfront taghhom huwa pozittiv hafna.

Rodrick Stabile huwa inginier fil-professjoni u jahdem ma' missieru fl-inginerija illi ghandhom flimkien. Huwa bniedem produttiv u qed jaghti sehmu lis-socjetà apparti l-fatt illi qieghed f'relazzjoni stabbli ma' tfajla illi minnha ghandhom wild illi qieghdin jiehdu hsiebu flimkien. Il-probation officer jikkonkludi illi s-sentenza li qed tigi appellata hija ta' piz fuq il-koppja kemm minhabba finanzi, il ghaliex Rodrick huwa l-"bread winner" tal-familja u ghandhom spejjez fir-rigward tar-residenza gdida taghhom kif ukoll li huma ma jistghux jippjanaw ghall-futur immedjat taghhom.

Fil-konfront ta' Glen Neil Scicluna jikkonkludi illi dan ghandu problemi f'sahhtu li qed ikunu iggravati minhabba t-tensjoni li tinholoq matul dawn il-proceduri kriminali. Qed jigi trattat fl-isptar Sir Paul Boffa u qed jiehu tranquilizers bhala medikazzjoni ghall-kondizzjoni psikologika tieghu. Aktar importanti però l-probation officer jafferma illi dawn il-proceduri kriminali affettwaw lil Glen b'mod

negattiv dan il ghaliex gie sospiz mix-xoghol kif ukoll minn xoghol part time li kellu u jekk din il-kawza tigi konfermata ser jitlef definittivament l-impjieg tieghu mal-kumpanija Playmobil.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti taghmilha cara illi ma tantx ghandha simpatiji ma' persuni illi ikkommettew reati minhabba "a warped sense of priorities" bhalma urew manifestament l-appellanti. Din il-Qorti però mhiex sejra twarrab il-konkluzjonijiet tal-probation officer aktar u aktar meta jidher illi l-appellanti irrealizzaw l-izball taghhom, hemm stabilità f'hajjithom u mhumiex aktar ta' theddida ghas-socjetà. Din il-Qorti tawgura illi l-appellanti jirrealizzaw illi mhuwiex vallapena illi jissaggrifikaw il-futur ta' hajjithom u tan-nies ta' madwarhom ghas-sodisfazzjoni ta' ftit attimi ta' sekondi illi jista' jaghti delizzju li ma hu tal-ebda konsegwenza ghall-futur taghhom. Jekk l-appellanti ghandhom id-delizzju tal-kacca ghal qalbhom dana jistghu dejjem jipprattikawh skont il-ligi fi zmien u fil-postijiet indikati minghajr ma jirrikorru ghal xi kommissjoni tar-reat biex jaghmlu dan. Ghalhekk din il-Qorti thoss illi appellanti forsi nfethet tieqa ta' opportunità illi mhux ta' min tinghalaq billi jintbaghtu l-habs. (ara Pulizija versus Ritmar Hatterly et – 9 ta' Ottubru 2008).

Ghalhekk fl-isfond tas-suespost il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-tieni parti tat-talba tal-appell tal-appellanti, tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati billi tikkonferma fejn sabet il-htija u tirriforma ukoll il-parti tal-piena fejn minflok il-piena ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija effettiva, tikkundanna lill-appellanti ghall-istess tmintax-il (18) xahar prigunerija b'dana però b'applikazzjoni tal-artikolu 28(A) tal-Kodici Kriminali tordna illi dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien tlett (3) snin mil-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------